MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1290/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat tagħha Franco Schembri u l-istess Franco Schembri (ID. Nru. 297775 (M))**
**Vs**
**Saviour Sultana**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-15 ta’ Ġunju, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta’ Lm 209.11 (mitejn u disgħa liri Maltin u ħdax-il ċenteżmu) rappreżentanti danni sofferti f’inċident stradali nhar id-19 ta’ Diċembru, 2004 f’Santa Luċija.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Prevja li tiddikjara lill-konveut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara viċin ir-roundabout ta’ Santa Luċija, f’Santa Luċija fid-19 ta’ Diċembru, 2004, li fih kienu nvoluti il-vettura CYN 082 propjeta’ ta’ l-attur, u l-

vettura SVR 284, misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u disgħa liri Maltin u ħdax-il ċenteżmu (Lm 209.11) jew somma oħra verjuri rappreżentanti danni sofferti u spejjeż inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bħala kaġun ta' l-inċident premess.

Bl-ispejjeż inkużi dawk ta' l-ittra uffiċjali kontestwalment mibgħuta ma' dan l-avviż a tenur tal-Kap. 104, bl-imgħaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ingħad illi:-

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, billi l-inċident tat-traffiku in kwistjoni ma ġarax tort u ħtija ta' l-esponenti iżda ġara tort ta' Franco Schembri billi kien huwa li qaleb minn lane għall-ieħor mingħajr ebda pre-evviż u mingħajr ma ħares sewwa għat-traffiku li kien hemm ma' ġembu.

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Li hemm qbil bejn ix-xufiera taż-żewġ vetturi involuti fil-kolliżjoni huwa li telgħu t-tela' taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. L-attur kien fuq in-naħa ta' barra u ried imur lejn in-naħa ta' Marsaxlokk u l-konvenut kien fuq ix-xellug u ried imur lejn Santa Luċija u lejn l-ajruport. Hekk kif ġew fuq ir-"roundabout" biex jieħdu d-direzzjoni tagħhom saret il-kolliżjoni.

Il-"highway code" fl-Artikoli 221 sa 226 jirregolaw is-sistema kif għandha tiġi użata d-direzzjoni fuq ir-"roundabout". L-istess "highway code" jistipula illi min irid

imur fuq in-naħa tax-xellug flok idur mar-“roundabout” kellu joqgħod fuq in-naħa ta’ ġewwa, mentri dak li ried idur mar-“roundabout” flok imur dritt kellu joqgħod fuq in-naħa ta’ barra.

Iż-żewġ vetturi għamlu l-oppost ta’ dak stipulat. Il-konvenut qagħad fuq ġewwa biex jikser lejn il-lemin u jmur lejn l-airport fil-waqt illi l-attur qagħad fuq barra biex imur fid-direzzjoni ta’ Marsaxlokk biex imur fid-dritt.

Jirriżulta għalhekk għall-kolliżjoni illi ż-żewġ xufiera kienu ugwalment responsabbli għall-inċident et quo f’rata ta’ ħamsin fil-mija (50%) kull wieħed.

Illi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat fl-istess rata ta’ responsabbilta’.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiddikjara ż-żewġ xufiera responsabbli ugwalment għall-kollizjoni de quo, jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma mija u erbgħa liri Maltin u ħamsa u ħamsin centezmu (Lm 104.55) bl-ispejjeż ikunu sofferti ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------